MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Awwissu, 2012

Numru. 786/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**HADRA MAHMOUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hadra Mahmoud ta’ 24 sena, bint Amhmoud u Amina, mwielda Mogadishu Somalja, residenti Lyster Barracks, Hal- Far, Limiti taz- Zurrieq u numru tal- Pulizija 12H-014;

Talli;

1) fit- 30 ta’ Lulju 2012 ghall- habta tal- 11.45hrs gewwa Lyster Barracks, Hal- Far, Limiti taz- Zurrieq,

attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku u cioe' Detention Officer Vincent Cesare u Nurse Jesmond Micallef, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skont il- Ligi mill- awtorita' kompetenti;

2) talli fl- istess data, lok u hin attakkat jew ghamler rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' xort' ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Detention Officer Vincent Cesare u Nurse Jesmond Micallef persuni knarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghtija skont il- Ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) talli fl- istess data, lok, u hin ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq Detention Officer Vicent Cesare u dan skont kif iccertifika Dr. Andrew Baldacchino MD Reg 2002 mic- centru tas- Sahha ta' Floriana;

4) talli fl- istess data, lok u hin ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq Nurse Jesmond Micellef u dan skont ma ccertifikat Dr. Greta Apap MD Reg 2918;

5) talli fl- istess data, lok u hin ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq Rusom Snite Police Number 012K-021 u Musra Gebretassey Police number 012K-025 u dan skon kif iccertifika Dr. Christian Zammit MD Reg 3421 minn Mater Dei;

6) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi naqset milli tobdi l- ordnijiet legittimi moghtija lilha;

7) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisret il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku b' ghajjat u glied;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju ta’ gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 338(dd) u (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkudnannaha sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------